# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR**

**Numru**

**Avviz numru 1915/99 JB**

**Paul J. Gauci ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Gauci Automobiles Limited**

**vs**

**Jose Micallef u b' digriet tal- 1 ta' Gunju, 2000 l-sem tal-konvenut gie mibdul minn "Jose" ghal "Osea"**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut illi l-ammont reklamat jirrapresenta l-bilanc dovut fuq somma akbar dovuta skond ftehim datat 22 ta' Lulju, 1998 fuq il-bejgh tal-vettura tal-marka Mini Minor JAO 352 liema bilanc baqgha ma thallasx nonostante diversi interpellazjonijiet u weghdiet ta' hlas da parti tal-konvenut.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa li li si tratta fuq bejgh ta' vetura bil-.......huwa mehtieg 'ad validatu... li kellha ssir skrittura bil-miktub ta' bejh.

Illi tali skrittura bil-miktub ta' bejgh, jekk tezisti, kellha tigi esebita f' dawn il-proceduri u dan 'ad val..'. Illi ai termini tal-Att Nru XXIII tal-1993, il-kawza kellha tigi promossa ukoll ....mart il-konvenut. Illi l-konvenut ma jismux "Jose u ghalhekk il-kawza ma gjietx proposta kif suppost. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suepost fil-metu, il-vettura mibjugha lill-konvenut ma kinitx tal......stante illi ma kinitx 'in good working order' u ghalhekk il-konvenut qed jipproponi l-kontor-talbiet tieghu illi ......ukoll mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi ebda bilanc mhu dovut mill-konvenut.

Ra r-risposta b' kontro talba fejn il-konvenut talab Lm 630 (sitt mija u tlettin lira Maltin) rappresentanti vettura ' Mini Minor" li xtara minghand l-attur, liema vettura ma kinitx ta' kwalita pattwita u u kwindi l-ebda bilanc mhu dovut.

Ra r-risposta ghall-kontro talba pprezentata mill-attur fejn ikkontesta l-kontro talba w iddikjara illi preliminarjament l-azzjoni proposta mill-konvenut permezz tal-kontro talba tieghu ghal dak li jirrigwarda l-kwlaita pattwita ta' l-oggett mibjugh hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal- Kodici Civili, Fil-metu u minghajr ebda pregudizzju ghal-premess l-oggett in kwitjoni inbiegh bhala 'tale quale' skond kif jirrizulta mill-iskrittura privata ffirmata mill-partijiet u li kopja taghha diga tinsab ezebita fil-process tal-kawza, u kwindi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-oggett de quo kien tal-kwalita pattwita bejn il-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi b' sentenza datata 8 ta' Jannar, 2001 kien gie ffissat terminu perentorju ta' xahar sabiex il-konvenut jipproponi d-debita azzjoni.

Ra

Sema' lil jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**